MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 581/2005/1

**Care Services Limited**

**vs**

**Mario Muscat u Alfred Vella**

**Il-Qorti,**

L-appell tas-socjeta` attrici hu cirkoskritt ghal dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti naqset li tosserva l-procedura stabbilita mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-ghoti tal-pronunzjament taghha. Dan ghal motiv illi hi ddisponiet mill-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata permezz ta’ verbal u mhux ta’ sentenza vera u proprju ai termini ta’ l-istess Kodici ritwali;

(2) Minkejja li ma giet sollevata ebda eccezzjoni relattiva ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti din xorta wahda ddikjarat li m' ghandhiex gurisdizzjoni dwar il-meritu tal-kawza;

(3) Fil-mertu, l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata lanqas ma tregi meta vizwalizzata fl-ambitu tal-premessa tat-talba bl-azzjoni intentata u fil-parametri ta' l-Iskeda Numru Erbgha tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet;

Huwa ferm logiku illi jekk din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju hu guridikament fondat ma jkunx hemm, imbaghad, htiega li tinoltra ruhha biex tinvesti l-aggravji l-ohra sollevati;

Mill-atti processwali jirrizulta li l-antecedenti li wasslu ghall-appell prezenti kienu dawn:-

(1) Bl-unika eccezzjoni taghhom il-konvenuti ssollevaw l-inkompetenza *ratione materie* ta' l-ewwel Qorti fuq il-presuppost li l-mertu tal-kawza kellu jigi riferit lic-Centru ta' l-Arbitragg fit-termini ta' l-Avvizi Legali Numru 419/2004 u 279/2005;

(2) Fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2006 il-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni fuq din l-eccezzjoni;

(3) Hu denotat mill-verbal tal-10 ta' Ottubru 2006 illi la dehru r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u lanqas id-difensur taghhom u allura l-Qorti, wara li semghet x' kellu x' jghid l-avukat tal-konvenut u wara li rat r-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 ghaddiet biex f' dak l-istess verbal iddeterminat li ma kellhiex gurisdizzjoni u mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-azzjoni;

Stabbilit il-premess, hi s-sottomissjoni centrali tas-socjeta` appellanti illi kwestjoni rigwardanti l-kompetenza tal-Qorti ma kellhiex tigi determinata bil-forma ta' verbal imma kellha strutturalment tirrivesti r-rekwiziti applikabbli ghas-

sentenzi skond id-dettami ta’ l-Artikolu 23, Kapitolu 12. Bil-kontra, fir-risposta ta’ l-appell taghhom l-appellati jargomentaw illi l-verbal ghandu fih dawk l-elementi kostitutivi biex jigi meqjus bhala sentenza. *Ergo,* jissoktaw isostnu illi tali “sentenza” ma tistax tigi komminata b’ nullita`, kemm fil-kaz ta’ raguni ta’ nuqqas ta’ forma, kif ukoll jekk bl-operat ta’ l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 jinstab li din hi sostanzjalment gusta;

Minn dan dedott m’ hemmx kwestjoni illi l-vertenza kollha bejn il-kontendenti tirrigwarda punt ta’ procedura, u, precizament, jekk il-kwestjoni ta’ l-inkompetenza sollevata gietx pronunzjata skond ir-rit procedurali;

In linea preliminari din il-Qorti hi tal-fehma illi biex wiehed jistabilixxi n-natura ta’ provvediment gudizzjarju ghandu jittiehed rigward mhux daqstant ghall-forma tieghu imma ghal kontenut. Isegwi minn dan illi fl-ipotesi li l-gudikant ikun irrizolva irrevokabilment il-kwestjoni tal-kompetenza, b’ mod li ma jistax jirritorna lura ghar-rikonsiderazzjoni dwarha, ankorke din tkun rivestita fil-forma ta’ ordinanza jew ta’ digriet verbalizzat, din ghandha natura ta’ vera sentenza. Jinghad a propozitu fis-sentenza “**Dottor Giorgio Busuttil -vs- L-Onor. Prof. Dottor Carlo Mallia *et***”, Appell Civili, 1 ta’ Gunju 1925 illi “*non puo annoverarsi in tale categoria (*dik tad-digrieti interlokatorji*) la decisione della Corte sulla propria competenza a prendere cognizione del giudizio, che una volta pronunciata radica o respinge la competenza della Corte in modo irrevocabile, salvo il reclamo innanzi alla Corte in secondo grado in via ordinaria …*”;

Maghdud dan, u apparti l-forma adottata mill-ewwel Qorti, dak li jokkorri issa li jigi ezaminat huwa, jekk attiz li hu “sentenza”, il-verbal impunjat ghandux ukoll il-kwalifiki kollha li jghoddu ghas-sentenzi in generali. Essenzjalment, jekk ghandu dawk ir-rekwiziti essenzjali li jipprecizaw kemm l-Artikolu 23 citat mis-socjeta` appellanti u dawk ta’ l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12;

Skond l-appellati l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti, anke jekk skematiku u xott, jikkontjieni motivazzjoni bastanti biex tiggustifika l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tieghu. Filwaqt li jsostnu dan huma, imbaghad, ma joffru ebda kumment dwar dik il-parti ta' l-Artikolu 23 li tipprovdi li "minnufih malli tinghata s-sentenza, l-imhallef jew il-magistrat ghandu jdahhal it-traskrizzjoni ffirmata tas-sentenza fil-process tal-kawza";

Issa apparti li hemm hafna x' jinghad dwar jekk il-motivazzjoni fil-kaz in ispecje tilhaqx l-aspettattivi tal-ligi, ex-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, huwa fatt cert illi *ictu oculi* tonqos ghal kollox is-sottoskrizzjoni da parte tal-magistrat sedenti, u dan jirrendi null il-provvediment moghti mill-Qorti. Jinghad fid-duttrina procedurali Taljana, b' riferenza ghall-Artikolu 132 tal-Kodici ta' Procedura Taljan, fejn ukoll insibu *inter alia* illi l-kontenut ta' sentenza ghandu jkun fih il-firma tal-gudikant, illi "*la sottoscrizione costituisce un requisito essenziale della sentenza e la sua mancanza da parte di un giudice tenuto a sottoscrivere, è causa di nullita` assoluta ed insanabile, senza che sia rilevante la possibilita` di distinguere fra omissione intenzionale ed omissione involontaria, provocata da errore o dimenticanza*". Ara "**Commentario breve al Codice di Procedura Civile**", Capri, Colesanti u Taruffo, Ed. Cadau 2004, pagna 600 u sentenzi tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni **Numri 6948 ta' l-2004** u **246 ta' l-1995**;

Fl-istess sens jinsab ritenut mill-Qrati taghna fil-kaz fl-ismijiet "**Maria Tabone *nomine* -vs- Charles Welsh**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Jannar 1925, anke jekk hemm kien jitratta minn nuqqas ta' firma ta' l-Imhallef fuq l-att tac-citazzjoni, illi "*la firma del giudice è un elemento costitutivo della citazione e non semplicemente una condizione di formalita`, e percio tale atto è nullo se non è sottoscritto dal giudice*". Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha anke in bazi ghal dak provvdut fis-subinciz (d) ta' l-Artikolu 799 [prezentement Artikolu 789 (1) (d)] tal-Kodici

ritwali. Ugwalment dan hu hekk applikabbli wkoll fil-kaz ta’ mankanza fis-sentenza tal-firma mill-gudikant. Jista’ forsi jigi aggunt illi din l-indispensabilita` tal-firma mill-gudikant mhix minghajr raguni. Hi dik il-firma li taghti fidi lill-ezistenza guridika ta’ l-att in kwantu tistabilixxi l-mument li fih il-pronunzjament gudizzjali - dak relattiv f’ dan il-kaz ghall-kwestjoni tal-kompetenza - jakkwista l-karattru ta’ l-immutabilita` tieghu, u, ukoll, ghal gudikant innifsu jsir irretrattabbli, ossija, kif jinghad fis-sentenza a **Vol. XXVII P I p 717**, citata wkoll mill-appellati, “*‘terminat judicium’ e non puo` essere revocata contrario imperio dal tribunale che l’ avesse pronunciata*”;

Izolatament minn kull konsiderazzjoni relattiva ghal kwestjoni tal-motivazzjoni, anke minn dan biss hawn fuq rifless, huwa difficli li jista’ jinghad illi l-pronunzjament moghti f’ dan il-kaz taht forma ta’ verbal jaspira ghal dak l-istatus guridiku pjen li jsawwar l-karatteristici tas-sentenza skond l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 12, in kwantu minnu, kif fuq osservat, jonqos rekwizit essenzjali. Tali pronunzjament ma jistax, ghalhekk, hlief jitqies null u bla effett. Raggunta din il-konkluzjoni, kull investigazzjoni ulterjuri ta’ l-aggravji l-ohra sottomessi ma jkunx hlief ezercizzju akkademiku li mad-decizjoni *de qua* ma jzid u ma jnaqqas xejn.

Ghall-motivi superjorment espressi din il-Qorti qed takkolji l-appell fis-sens ta’ l-ewwel aggravju devolut lilha u b’ hekk tannulla u thassar il-provvediment moghti mill-ewwel Qorti fl-10 ta’ Ottubru 2006. Tirrimetti l-atti lura lill-istess l-ewwel Qorti ghad-determinazzjoni u decizjoni skond il-ligi ta’ l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza sollevata mill-konvenuti. Fic-cirkustanzi partikulari ta’ dan il-kaz huwa gust li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi s’ issa inkorsi jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------